MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 11/2005

Wafik Abbas .

vs

Maria Assunta Galea .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi :

Illi l-partijiet iżżewġu lil xulxin fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elf disa' mija u ħamsa u disgħin 91995) u minn dan iż-żwieġ ma kienx hemm tfal ;

Illi ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti għandu jiġi ddikjarat null u bla effett fil-liġi għar-raġunijiet li :

1. il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha ;

2. il-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskluzzjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu u ta' wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa ;

Illi l-attur jinsab diġa separat minn mal-konvenuta permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutara Joanne Cauchi, datat ħmistax (15) ta' ottubru elfejn u erbgħa (2004) .

Talab lill-konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti null u bla effett fil-liġi għar-raġunijiet fuq premessi .

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuta, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa tinsab inġunta .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur debitament ikkonfermata minnu .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li eċċepiet illi :

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li filwaqt li l-konvenuta taqbel li ż-żwieġ għandu jiġi dikjarat null u mingħajr effett, ir-raġunijiet huma imputabbli esklussivament għall-attur u dan kif ser jirriżulta matul it-trattazzjoni tal-kawża u dan għaliex kien il-kunsens ta' l-attur kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikologġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ kif ukoll il-kunsens ta' l-attur nkiseb bl-eskluzjoni pożittiva taż-żwieġ kif ukoll il-kunsens ta' l-attur nkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu u ta' wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa – dan kollu a tenur ta' l-arttikolu 19 (d u f) tal-kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuta minnha maħlufa .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-affidavits u dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz tal-kawża preżenti l-attur qed jitlob dikjarazzjoni ta’ nullita’ taż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta għax allegatament il-kunsens tal-konvenuta għal dan iż-żwieġ :

(i) kien ivvizzjat b'difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha ; u

(ii) inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu u ta' wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa .

Il-konvenuta filwaqt illi taqbel illi dan iż-żwieġ għandu jiġi dikjarat null, tgħid illi l-vizzji fil-kunsens kienu da parti ta' l-attur u dan għall-istess raġunijiet imputabbli lilha . Inoltre tgħid li kien hemm fl-attur anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għalieh li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ .

Minkejja din l-ispeċi ta' "ammissjoni" da parti tal-konvenuta - ammissjoni li, fi kwalunkwe każ, ma tinkwadrax f'dak li jipprovdi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 158 tal-Kap. 12 għax mhix ammissjoni "***għal kollox u bla ebda kundizzjoni***", din il-Qorti, konformament mal-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati in tema ta' annullament ta' żwieġ[1], ser tgħaddi biex teżamina l-provi prodotti sabiex tara jekk dak allegat ġiex ippruvat sal-grad li trid il-liġi f'materja ċivili .

---

[1] Ara fost oħrajn, Anna Tonna xebba Vassallo vs. Alexander Tonna : Qorti ta' l-Appell 6.11.1991 ; Angela Spiteri xebba Selvaggi vs. Joseph Spiteri : Prim'Awla 4.11.1994 ; Carmel sive Charles Camilleri vs. Teresa Camilleri : Prim'Awla : 3.10.1995 .

Madankollu l-prova ta' kwalunkwe waħda mir-raġunijiet msemmija, hija suffiċjenti biex tirrendi żwieġ null skond il-liġi tagħna . Il-kompitu ta' din il-Qorti huwa għalhekk li tara u teżamina jekk iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ in eżami, jistgħux iwassluha għall-konklużjoni illi teżisti xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li tirrendi żwieġ null skond l-Att dwar iż-żwieġ (Kap. 255) .

L-ewwel raġuni illi ż-żewġ partijiet qed jibbażaw din il-kawża fuqha hija dik kontemplata fl-artikolu 19(1)(d) tal-kap. 255 . Ikun hemm ***difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju***, meta xi waħda mill-partijiet, għalkemm ma jistax jingħad li tbati minn infermita' mentali, tkun daħlet għal din ir-rabta konjugali mingħajr maturita' biżżejjed għaż-żwieġ .

L-Imħallef Rotali **Davino** nnota li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju, kawżali simili fid-dritt kanoniku għan-nullita' taż-żwieġ, jfisser ukoll in-nuqqas ta' kapaċita' fil-partijiet kontraenti li jilħqu ammont suffiċjenti ta' riflessjoni proporzjonata għall-kuntratt konjugali, li hija fakulta' riflessiva meħtieġa għall-istat nuzjali (monito. Ecclesiastices, 108(1983) 504, u. 2 . cfr. Ch. Defebvre : "Defectus Discretionis indicii in Rotali Iurisprudentia in Periodica, 69, (1980) p. 55 – 7) : "*This is the capacity to put together judgements already reached to form a new judgement i.e. affirm or deny something about the objects of consent (in this case marriage) . A sufficient mature capacity to judge and to reason, to make a practical evaluation of the nature and essential obligations of marriage . The critical faculty is the faculty to combine reasoned judgement to form a new judgement. In marriage, the person about to marry must have the capacity to argue and reason inside of himself whether he should, first of all marry at any given time, and secondly, marry the person proposed as his/her spouse . He/she must internally turn over the reasons for and against whether to take the other person for a commitment of a lifetime, which commitment would have to include the giving of one self to the other, the rendering of mutual service, and the institution with the other person of a*

*lifetime full of a life of mutual help, respect and self-sacrifice*" (vide sentenza *coram anne* – 22.7.69, SRRD No. 1.61, pp. 864 -865 n. 3) .

Fil-każ in eżami nsibu illi l-partijiet kienu ltaqgħu ghall-aħħar tas-sena 1994 fuq il-karozza tal-linja, waqt li kienu qed jirritornaw id-dar mix-xogħol . Ir-raġel, ta' nazzjonalita' sirjana u musulman, għalkemm kif stqarr hu stess, mhux prattikanti, kien jaħdem fuq il-baħar, u l-mara kienet taħdem bħala fattiga f'kumpless turistiku f'Malta . Bdew jiffrekwentaw lil xulxin, sakemm ftit wara r-raġel ħtieġlu jirritorna f'pajjiżu għal xi xhur . Kemm dam imsiefer baqgħu jikkorrispondu bit-telephone . Iddeċidew li jiżżewġu u, mhux iżjed minn sitt xhur wara li kienu ltaqgħu l-ewwel darba, iżżewġu b'ċerimonja ċivili li għaliha kienu preżenti biss ix-xhieda . L-attur dakinhar kellu 31 sena, filwaqt illi l-konvenuta kellha 42[2] . Ma sar ebda riċeviment, u dritt wara rritornaw għax-xogħol . Lanqas ma għamlu *honeymoon* flimkien . Anzi l-konvenuta siefret ma' sħabha għal vaganza li kellha bbukjata minn qabel u l-attur siefer għal rasu biex jittermina l-impieg li kellu barra . Kien hemm relazzjonijiet intimi bejn il-koppja, anke qabel iż-żwieġ, imma l-attur dejjem wera x-xewqa li ma jkollux tfal, anke minħabba l-eta' tal-konvenuta . Fil-fatt, wara għaxar snin ta' żwieġ baqgħu bla tfal . Ir-relazzjonijiet ta' bejniethom bdew jeħżienu xi erba' snin wara ż-żwieġ, meta l-konvenuta kienet bdiet tilmenta ma' l-attur illi qed iqatta' wisq ħin fil-kumpanija ta' sħabu u lilha kien qed jittraskuraha . Da parti tiegħu l-attur kien qed iħoss illi fil-konvenuta ma sabx is-sieħba li wieħed kien jistenna minn mara miżżewġa . Għalieh ma kienx hemm dik ir-"*relazzjoni fejn il-persuni nvoluti għandhom bżonn is-sostenn ta' xulxin fl-inkwiet tagħhom, intimita', support morali u komunikazzjoni,*."[3] Tant li spiċċaw illi, mingħajr ma jkunu twellmu, lanqas biss ikellmu l-xulxin għax ma jsibux xi jgħidu . Is-sitwazzjoni imbagħad tant aggravat illi l-konvenuta ndunat illi l-attur kien qed ikollu relazzjonijiet ma' nisa oħra . Fl-aħħar isseparaw b'mod konsenswali

[2] Dok. A a fol. 5 tal-process /.
[3] ara affidavit ta' l-attur a fol. 17 tal-processi .

permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni[4] li ġie segwit bil-kawża preżenti .

Huwa evidenti hawnhekk illi l-kontendenti ma daħlux għal dan iż-żwieġ bir-responsabilitajiet meħtieġa biex jagħmlu ż-żwieġ wieħed validu . Għalkemm dan ma tammettiehx il-konvenuta, jidher ovvju illi l-attur tħajjar jiżżewwiġha semplicement għax fiha sab okkażżjoni tajba biex, bħal bosta oħrajn ġejjin minn pajjiżi inqas żviluppati, jkollu opportunita' jsib xogħol f'dawn il-gżejjer u ma joqgħodx ibaħħar aktar . Infatti fid-depożizzjoni tiegħu, jaċċenna għall-fatt illi dan kien is-suspett ewlieni f' moħħ il-familjari tal-konvenuta, li għall-bidu oġġezzjonaw bil-qawwa għal din ir-relazzjoni . Hemm ukoll id-differenza sostanzjali ta' ħdax-il sena fl-eta' tal-partijiet għal dan iż-żwieġ . Ma tantx huwa verosmili illi ġuvni ta' tletin sena, meqjus fl-aħjar tiegħu, ser jinġibed daqshekk malajr b'imħabba lejn mara illi ġia kienet qed tavviċina l-mezz eta' meta ltaqa' magħha . Il-fatt illi mill-ewwel għamelhielha ċara li ma riedx tfal, huwa wkoll indikattiv tal-intenzjonijiet veri tiegħu, u ċioe' illi ma jkollu ebda rbit b'familja, ħalli meta jidhirlu, jkun jista' jitlaq' lura lejn pajjiżu, kif fil-fatt stqarr hu stess li qalulu biex jagħmel tal-familja tiegħu, ġialadarba ma kellux tfal . Dawn il-fatturi huma kollha provi li da parti ta' l-attur ma kien hemm l-ebda "*commitment to give one-self to the other*" jew li joħloq mas-sieħba tiegħu "*a lifetime full of a life of mutual help, respect and self-sacrifice*", kif imfisser fis-sentenza hawn fuq ċitata .

Hekk ukoll jista' jingħad għall-konvenuta stess,illi minkejja l-eta' tagħha, wriet illi kienet immatura meta, mingħajr ma kellha opportunita' ssir taf lill-attur biżżejjed, prattikament ma kienux laħqu ħarġu iżjed minn tliet xhur flimkien qabel ma żżewġu, iddeċidiet, jew aħjar ċediet għall-pressjoni tiegħu illi jiżżewġu hekk malajr . Minkejja l-oppożizzjoni tal-familjari tagħha, u li dawn ippruvaw jiftħulha għajnejha b'dik li aktarx kienet il-vera intenzjoni ta' l-attur, din ma tat widen għal ħadd u daħlet għal dan iż-żwieġ, ma' persuna barranija ta' religjon u kultura differenti u ferm iżgħar minnha fl-eta', mingħajr ma qieset sew x'setgħu kienu l-

[4] Dok. B anness maċ-ċitazzjoni .

konsegwenzi . Għalhekk fil-konvenuta wkoll jidher illi ma kienx hemm "*a sufficient mature capacity to judge and to reason, to make a practical evaluation of the nature and essential obligations of marriage*."

Minħabba illi jirriżulta sodisfaċentement illi dan iż-żwieġ kien ivvizzjat minħabba nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fiż-żewġ partijiet, m'hemm l-ebda raġuni għaliex din il-Qorti għandha teżamina wkoll r-raġunijiet l-oħra msemmija mill-kontendenti għaliex l-istess żwieġ kien null .

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-kontendenti li sar fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995) kien null u bla effett għal finijiet u effetti kollha tal-Liġi sa mill-ewwel ġurnata tiegħu minħabba illi l-kunsens tal-partijiet għal dan iż-żwieġ kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju essenzjali fuq il-ħajja miżżewġa u fuq id-drittijiet u dmirijiet tagħha, a tenur ta' l-artikolu 19 (1)(d) tal-Kap. 255 .

L-ispejjeż tal-kawża, billi ma tistax tiġi mputata xi ħtija partikolari fuq xi waħda mill-partijiet aktar mill-oħra, għandhom jiġu ssoportati ugwalment bejn il-kontendenti .

Fl-aħħarnett tordna illi kopja uffiċjali ta' din is-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex sabiex isiru d-debiti notamenti fuq l-Att ta' żwieġ relattiv skond il-liġi .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------